DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/270

tal-15 ta' Frar 2018

li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni tal-Bank Ċentrali ta' Ċipru

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 4 dwar l-Istatuti tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Diċembru 2017 lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Bank Ċentrali ta' Ċipru (BĊE/2017/43) ([1]),

Billi:

(1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro għandhom jiġu awditjati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

(2) Il-mandat tal-awdituri esterni attwali tal-Bank Ċentrali ta' Ċipru, KPMG Limited, jintemm wara l-awditu għas-sena finanzjarja 2017. Għalhekk huwa meħtieġ li jinħatru awdituri esterni għall-Bank Ċentrali ta' Ċipru għas-snin finanzjarji 2018 sa 2022.

(3) Il-Bank Ċentrali ta' Ċipru għażel lil PricewaterhouseCoopers Limited bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2018 sa 2022.

(4) Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE rrakkomanda li PricewaterhouseCoopers Limited jinħatru bħala l-awdituri esterni tal-Bank Ċentrali ta' Ċipru għas-snin finanzjarji 2018 sa 2022.

(5) B'segwitu tar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE, jenħtieġ li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE ([2]) tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/70/KE, il-paragrafu 14 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"14. PricewaterhouseCoopers Limited huma b'dan approvati bħala l-awdituri esterni tal-Bank Ċentrali ta' Ċipru għas-snin finanzjarji 2018 sa 2022.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fid-data tan-notifika tagħha.

([1]) ĠU C 2, 5.1.2018, p. 1.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE tal-25 ta' Jannar 1999 dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali (ĠU L 22, 29.1.1999, p. 69).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Bank Ċentrali Ewropew.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Frar 2018.

Għall-Kunsill
Il-President
K. VALCHEV